MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Numru. 148/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Francis Degiorgio**

Kumpilazzjoni Droga Nru: 148/2009

Illum, 16 ta’ Marzu 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Degiorgio ta’ 18 il- sena iben Emanuel u Mary Ann nee` Zammit, imwieled Pieta`, nhar l- 24 ta’ Marzu, 1990 u residenti 7, Triq il- Kwartier, Birgu u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 160390M.

Akkuzat talli f' dawn il- gzejjer bejn l-14 u l- 15 ta' Marzu, 2009, kif ukoll matul it-tliet xhur ta' qabel, f' hinjiet differenti u f' diversi postijiet madwar Malta,

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Aktar talli kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emmedati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu personali tieghu.

3) Aktar talli kellu fil- pussess tieghu ir- raza mehdua mill- pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazin din ir- raza bi ksur ta’ l- Art 8 (a) tal- Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) Akta talli kellu fil- pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil- miktub mis- Supretendent tas- sahha pubblika, bi ksur tad- dispozizzjonijiet at’ l- Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l- Professjonijiet li ghamdhom x’ jaqsmu maghha, Kap 31 tal- Ligijiet ta’ Malta u r- Regolamenti dwar il- kontroll tal- Medicini, Avviz Legali 22 tal- 1985 kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 8(a) u r-raba u s-sitt taqsimiet tal-Kap 101 u r-Regolament numru 4 ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1969 kif ukoll ir-Regolamenti 3 u 5 ta’l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 maghmula taht il-Kap 31 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’l-Avukat Generali, mahrug kemm ai termini tal-Kap 31 kif ukoll ai termini tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjon anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u l-ammont tad-droga li nstabet fil-pussess ta'l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(a) u r-raba u s-sitt taqsimiet tal-Kap 101 u r-Regolament numru 4 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1969 kif ukoll ir-Regolamenti 3 u 5 ta'l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 maghmula taht il-Kap 31 tal-Ligjiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija u multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien sena.

In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska favurr il-Gvern ta' Malta tal-flus esebieti bhala Dokument VA6 u d-distruzzjoni tas-sustanza esebieta bhala Dokument VA8 u dan a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinzamm il-Y.O.U.R.S. u li jinghata kull ghajnuna biex jipprova jeghleb il-vizju tad-droga inkluz li jigi ammess ghal programm at' riabilitazzjoni malli jkun eligibbli ghalih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------